# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 105/2020 TA**

**Adrian Xuereb (ID 0024271M)**

**vs**

**Daniel Alexander Shaw Savill (0195211L)**
**U**
**Untours Insurance Agents Limited (C-5655) għal kull interess li jista jkollha**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Adrian Xuereb (l-Attur) tal-4 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi fil-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) seħħ inċident stradali ġewwa Triq is-Salini, Naxxar għall-ħabta tat-tmienja (20:00) ta' filgħaxija.
2. Illi f'dan l-inċident kienu nvoluti tliet (3) vetturi li huma vettura ta' għamla Suzuki mudell Super Carry bin-numru tar-reġistrazzjoni HBG 114 misjuqa mill-intimat Daniel Alexander Shaw Savill u koperta b'polza tal-assikurazzjoni tas-soċjeta' intimata, vettura Toyota mudell 1st bin-numru tar-reġistrazzjoni TFI 694 misjuqa minn Georġia Spiteri, u mutur ta' għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni ADD 109 misjuq mill-attur;

3. Illi meta seħħ l-inċident il-vettura assikurata mis-soċjeta intimata li kienet tiela' fid-direzzjoni tan-Naxxar, kienet waqfet u s-sewwieq tagħha qiegħed tali vettura mal-ġenb ta' Triq is-Salini.

4. Illi s-sewwieqa tat-Toyota kienet tiela bil-vettura tagħha fid-direzzjoni kontra dik tal-attur meta ma ratx il-vettura assicurata mis-soċjeta intimata u għalhekk ħabtet ġo tali vettura.

5. Illi minħabba fl-impatt, is-sewwieqa tat-Toyota spiċċat fuq il-karreġjata opposta u ħabtet fil-mutur tal-attur li kien ġej mid-direzzjoni opposta.

6. Illi bil-ħabta, il-mutur tal-attur inqasam min-nofs;

7. Illi b'konsegwenza diretta ta dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi gravi tant li kien għal ħin fil-periklu tal-mewt, u li wassluħ għal debilita' permanenti (vide r-rapport mediku tat-tabib Thomas Azzopardi u l-ittra tat-tabib Dorian Xuereb hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok GSI' u 'Dok GS2'), u konsegwentement sofra danni konsistenti f'danni attwali (damnum emergens) kif ukoll futuri (lucrum cessans) li għalihom jaħti wkoll is-sewwieq tas-Sużuki, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.

8. Illi l-inċident in kwistjoni seħħ għaliex is-sewwieq intimat ma ħax il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jevita li ssir kolliżjoni mal-vettura tiegħu.

9. Illi minkejja li ġew interpellati diversi drabi, inkluż iżda mhux biss, permezz ta' żewġ ittri uffiċjali (hawn annessi u mmarkati bħala Dok GS3' u 'Dok GS4') li ntbgħatu sabiex iseħħ il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-intimati baqaw inadempjenti.

10. Illi l-attur jikkonferma li jaf b'dawn il-fatti personalment.

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, l-attur bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, provvediment u ordni opportuni:

1. Tiddikjara illi l-azzjonijiet tas-sewwieq intimat wasslu sabiex seħħ l-inċident nhar il-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fi Triq is-Salini, Naxxar, hawn fuq imsemmi u li l-intimati jew min minnhom għandhom jirrispondu għad-danni konsegwenzjali attwali u futuri li ġarrab l-attur bħala riżultat ta dan l-inċident;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur li għalihom jaħti s-sewwieq intimat;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħalli lill-attur is-somma rappreżentanti d-danni hekk likwidati li għalihom jaħtu l-intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjeż u interessi legali kollha, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali numru 2398/2017 u 3053/2018 kontra l-intimati".

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Assiguratriċi Untours Insurance Agents Ltd (is-Soċjeta' konvenuta u Daniel Alexander Shaw Savill (il-konvenut) tat-23 ta' Gunju 2020 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Illi r-responsabilta' għall-inċident stradali li seħħ fil-ħdax (11) ta' Settembru elfejn u ħmistax (2015) hija respinta u kkontestata stante li għall-inċident stradali ma kienx jaħti Daniel Alexander Shaw Savill.
2. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għall-inċident awtomobilistiku mertu ta' dan ir-rikors kienet unikament responsabbli Giorgia Spiteri sewwieq tal-vettura TFI 694 assikurata mas-Soċjeta Assikuratriċi Atlas Insurance plc u għalhekk għandha tiġi kjamata in kawża.
3. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma kontestati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi''.

Rat l-atti dokumenti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda li tressqu fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

l-Attur weġġa' gravament f'inċident tat-traffiku li ġara fil-11 ta' Settembru 2015 ġewwa Triq is-Salini, Naxxar għall-ħabta tat-8.00pm. Fil-mument tal-inċident il-vettura tal-konvenut tal-għamla Sużuki mudell Super Carry numru HBG 114 kienet stazzjonarja peress li ġralha xi ħsara fis-sistema tal-eletriku tagħha. Għalhekk kienet wieqfa fil-karreġġjata tat-triq imsemmija.

F'mument minnhom daħlet fiha l-vettura l-oħra misjuqa minn Georġia Spiteri u ċioe' dik tal-marka Toyota numru TFI 694. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq opposta kien ġej l-Attur fuq mutur tal-għamla Peugeot numru ADD 109. Bl-impatt tal-

ħabta bejn iż-żewġ karozzi, dik ta' Georġia Spiteri ġiet deflected għal fuq in-naħa l-oħra tat-triq bil-konsegwenza li ġie milqut l-Attur bil-mutur tiegħu jinqasam fi tnejn.

Għalhekk saret din il-Kawża fejn l-attur qiegħed jirriklama id-danni.

**Punti ta' liġi**

Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-Konvenut, għad-danni li l-Attriċi tallega li sofriet u qed issofri konsegwenza tal-ħsara li hija ġarrbet fuq il-persuna tagħha f'dan l-inċident.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni: "L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha

filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett” (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; “prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili” (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: “*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene.”*

Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:-

“*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu.*

*Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`*

*nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali*".

Fl-aħħar nett is-**Sentenza li tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien elucidat is-segwenti:-

" *… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l- "ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom.*"

*<u>Responsabbilita' ghall-incident</u>*

Mill-mod ta' kif ġara l-inċident ma hemm ebda dubbju li kemm il-konvenut u anke Georġia Spiteri jaħtu għall-inċident.

*<u>Responsabbilita' tal-konvenut Daniel Alexander Shaw Savill</u>*

L-ewwel ma hi ser tkun trattata r-reponsabbilita' tal-konvenut. Huwa fatt maqbul mill-partijiet kollha, li vettura tal-konvenut kienet wieqfa fil-karreġjata tat-triq inkwistjoni. Haġa karozza pparkjata f'post għaldaqshekk u ħaġa oħra vettura f'karreġjata li ma hiex maħsub għall-waqfien jew parkeġġ ta' Vetturi f'din l-aħħar okkażjoni sid il-vettura huwa mistenni li jieħu dawk il-prekawzjonijiet mitluba

mill-liġi biex jagħti pre avviż lil dawk is-sewwieqa oħra bil-presenza ta' vettura stazzjonarja f'post insolitu għall-waqfien ta' vetturi.

Il-konvenut ma xehedx f'din il-Kawża iżda fir-rapport tal-Pulizija hemm imniżżel li dan qal "*Jiena kont ghaddej fi Triq is-Salini u l-Van li kont qed insuq waqaf zobtu*" (a' fol 430). Il-konenvut ikompli jgħid "*As I was going up a gradient I started smelling burnt electrical wires …once the car broke dawn I tried to switch on the hazard lights but they could not switch on*" (457 Rapport tal-Perit fl-inkjesta). Mart il-konvenut tixhed "*As we were travelling my husband said that the car did not have any electricity*" (458 inkjesta) Di fatti l-espert tal-Qorti anke kkonkluda li l-vettura tal-konvenut kellha ħsarat b'mod li waqfet bla dawl (a' fol 563). L-Attur ukoll fir-rapport tal-Pulizija li *"…innutajt Van ipparkjat bla dawl…"* (a' fol 434). Dan jikkonfermaħ fl-inkjesta. Irid jingħad ukoll li fejn waqfet din il-vettura kien hemm dlam ċappa. Fir-rapport tal-Pulizija jingħad li "*Fuq il-post ingieb id-dawl mill-garaxx peress li l-post fejn sar l-incident huwa mudlam hafna*". Dan jikkonfermaħ l-espert.

Huwa minnu li l-konvenut b'ebda mod ma seta' jixgħel hazard lights jew dwal oħra, hu jispjega "…*once the car broke dawn I tried to switch on the hazard lights but they could not switch on*" (457). Di fatti l-espert tal-Qorti kkonkluda li l-vettura tal-konvenut minħabba ħsarat b'mod li waqfet bla dawl (a' fol 563).

Imma dan kollu ma jeżentax lill-konvenut mill-obbligi li jipprovdi dawk is-sinjali awtonomi mis-sistema elettronika tal-vettura biex ikun jista' jgħati avviż tal-perikolosita' lil "*on coming traffic*".

Regolament 137 tal-High Way code Malti jipprospetta dan meta tieqaflek karozza:

"If your vehicle breaks down:

*• get your vehicle off the road.*

*• if possible give adequate warning to other traffic by using your hazard warning lights if your vehicle may cause an obstruction.*

*• if possible put a warning triangle on the road at least 50 metres behind your broken down vehicle on the same side of the road, or use other accepted warning devices if you have them.*

*• keep your sidelights on if it is dark or visibility is poor.*

*• do not stand (or let anybody else stand), between your vehicle and oncoming traffic.*

*• at night or in poor visibility do not stand where you will prevent other road users seeing your lights.*

*It is desireable that all vehicles should carry a reflective warning triangle. It should be used at any time of the day outside legal parking areas, in addition to the hazard warning lights if fitted. It should be set up 50 metres from the rear of the obstructing vehicle, on the same side of the road, 1 metre away from the edge of the road".*

Apparti dawn il-miżuri, kif irrileva l-espert tal-Qorti. B'referenza għall-regolament 275 tal-High Way Code Ingliżi elenka dawn l-obbligi ta' min tieqaflu l-vettura:

- *"get your vehicle off the road if possible.*
- *warn other traffic by using your hazard warning lights if your vehicle is causing an obstruction.*
- *help other road users see you by wearing light-coloured or fluorescent clothing in daylight and reflective clothing at night or in poor visibility.*
- *put a warning triangle on the road at least 45 metres (147 feet) behind your broken- down vehicle on the same side of the road, or use other permitted warning devices if you have them. Always take great care when placing or retrieving them, but never use them on motorways.*
- *do not stand (or let anybody else stand) between your vehicle and oncoming traffic.*
- *at night or in poor visibility do not stand where you will prevent other road users seeing your lights".*

If your vehicle develops a problem, leave the motorway at the next exit or pull into a service area. If you cannot do so, you should:

- "*pull on to the hard shoulder and stop as far to the left as possible, with your wheels turned to the left.*
- *try to stop near an emergency telephone (situated at approximately one-mile intervals along the hard shoulder.)*
- *leave the vehicle by the left-hand door and ensure your passengers do the same. You MUST leave any animals in the vehicle or, in an*

*emergency, keep them under proper control on the verge. Never attempt to place a warning triangle on a motorway.*

- *do not put yourself in danger by attempting even simple repairs.*
- *ensure that passengers keep away from the carriageway and hard shoulder, and that children are kept under control.*
- *walk to an emergency telephone on your side of the carriageway (follow the arrows on the posts at the back of the hard shoulder) the telephone is free of charge and connects directly to an operator. Use these in preference to a mobile phone (see Rule 283). Always face the traffic when you speak on the phone.*
- *give full details to the operator; also inform them if you are a vulnerable motorist such as disabled, older or travelling alone.*
- *return and wait near your vehicle (well away from the carriageway and hard shoulder).*
- *if you feel at risk from another person, return to your vehicle by a left-hand door and lock all doors. Leave your vehicle again as soon as you feel this danger has passed".*

Minn dak li jirriżulta mill-atti, għalkemm huwa minnu li l-Attur ma setax jixgħel ebda dwal tal-vettura minħabba ħsarat, iżda huwa minnu ukoll li l-anqas il-minimu tal-prekawzjonijiet ma ħa biex iħares is-sigurta' kemm dawk il-vetturi li jkunu ġejjin u anke s-sigurta' tiegħu u ta' min kellu miegħu. Imqar it-tqegħid ta'

trijangolu riflettiv, tenut kont li l'"*on coming traffic*" li probabilment kien ser ikollu il-headlamps mixgħulin biex b'hekk ikun avviżat. Miżura bħal din kienet bażika fiċ-ċirkostanzi. Kif jgħidu, il-ħmar il-magħkus idur għaliħ d-dubbien, għaliex biex tgħaxxaqha l-anqas il-mobiles ma setgħu jużaw għaliex waqatilhom il-batterija!

Regolament 74.(1) tal-L.S 65.11 jagħmilha ċara li *"Ebda vettura ma tista' titħalla f'xi triq kontra xi regolamenti dwar ipparkjar jew <u>f'dik il-qagħda jew f'dik iċ-ċirkostanza b'mod li aktarx tista' tkun ta' periklu jew ta' xkiel lil nies oħra</u> li jużaw it-triq."* (Emfażi tal-Qorti). Għalhekk fil-waqt li din il-Qorti tifhem li l-vettura bil-ħsara, ma tifhimx kif f'mument fejn kien dlam ċappa l-konvenut ma kienx armat imqar bi trijangolu riflettiv.

Dwar il-ħsara li kellha l-vettura, il-konvenut qal lill-espert tal-Qorti li meta kien tiela triq inklinata beda jxomm riħa ta' ħruq ta' wires (a' fol 456). Meta prova jixgħela din ma ħaditx. Qal ukoll li prova jixgħel il-hazard lights imma ma xegħelux, Spjega li f'Ġunju ta' dik is-sena kien għamel il-VRT test tal-karozza. Martu ukoll qalet lill-espert fl-inkjesta "*As we were travelling my husband said that the car did not have any electricity*" (a' fol 458).

Dan ifisser li ma kienx umanament possibbli għall-konvenut li jixgħel id-dawl minħabba ċirkostanza li ma kienitx fil-kontroll tiegħu. Pero' il-Qorti tissenjala li bħal ma d-danni u ness kawżali tal-inċident għandhom ikunu pprovati mill-Attur abbażi tal-prinċipju ta' *ei qui allegat onus probanti incumbit*, hekk ukoll ċirkostanza bħal dik li qed isemmi l-konvenut għandha tkun ipprovata minnu. L-uniku prova li ressaq il-kelma tiegħu li kien ħa l-vettura tal-VRT, pero, il-Qorti kienet tistenna li in sostenn il-minimu ta' prova li seta' jġib kien iċ-ċertifikat tal-

VRT. Mhux biss ma għamilx dan iżda talli għażel li l-anqas jixhed quddiem din il-Qorti u jippretendi li fuq ċirkostanza hekk eċċezzjonali din il-Qorti toqgħod u tistrieħ fuq ix-xhieda tiegħu u ta' martu li għandha kull interess li tiskaġunaħ.

Li vettura li tinstaq fit-triq tkun fi stat tajjeb huwa obbligu sine qua non ta' kull sewwieq. Vettura difettuża hija ta' perikolu kemm għas-sewwieq u kif ukoll għal terzi sewwieqa u pedestrians. Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Godfrey Aquilina vs Joseph Schembri deċiża fis-17 ta' Gunju, 1999** jingħad li biex il-konvenut jiġi esonerat minn responsabbilta' jrid juri li waqt li kien qed isuq:

1. Id-difett żviluppa mingħajr pre-avviż;

2. Mingħajr ħtija tiegħu;

3. Li l-vettura kienet fi stat tajjeb li tinstaq;

u 4. Illi kienet regolarment serviced min-nies kompetenti.

Il-ġustifikazzjoni li qiegħed irressaq il-konvenut biex jiġġustifika għaliex ma setax fost oħrajn, jixgħel il-hazard lights hija waħda li tirrikjedi provi suffiċjenti biżżejjed li din il-Qorti tkun tassew f'posizzjoni ta' konvinzjoni li dan tassew kien minnu. Biex jipprova din il-ġustifikazzjoni kellu jressaq aktar prova konvinċenti minn sempliċi dikjarazzjoni tiegħu. Per eżempju f'kawża fejn ġiet sollevata din iċ-ċirkostanza l-Qorti qieset is-segwenti :

"*Fir-rigward tal-istat tal-vettura qabel il-ħabta, l-attur iressaq bħala xhieda lil ibnu u sieħbu fejn ikkonfermaw illi qabel l-inċident il-vettura kienet fi stat tajjeb u*

*mingħajr daqqiet ħlief, fi kliem iben l-attur, għal għafsa fuq wara. L-ewwel persuni illi raw il-vettura minuti wara l-inċident kienu l-aħwa Bezzina fejn ikkonfermaw ir-ritratti tal-vettura mkissra f'pagna 173 u 174 tal-proċess u jgħidu illi kien għad hemm il-foga fuq ix-xena tal-ħabta b'riżultat tal-ħruġ tal-air bags x'ħin waslu huma fuq is-sit. Il-vettura kellha daqqiet fuq il-quddiem tagħha, xellug u lemin, kif ukoll fuq wara. L-esperti tekniċi jikkonfermaw illi sabu l-istess hsarat fuq il-vettura. Min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li wettaq il-provi li kien marbut iġib 'il quddiem u li dan għamlu b'mod tajjeb biżżejjed biex jissostanzja il-każ tiegħu"* (ara **Sentenza tal-Prim'Awla tas-16 ta' Diċembru, 2015 fl-ismijiet Alexander Caruana -vs- Atlas Insurance Agency**). Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-konvenut kellu kull opportunita li jressaq l-aqwa prova u baqa' ma għamiliex, iċ-ċertifikat tal-VRT kif diġa' rilevat.

Il-Qorti ma hiex konvinta li l-vettura tal-konvenut kienet fi stat tajjeb li tinstaq u għalhekk tħoss li l-konvenut, anke f'dan ir-rigward, ma rnexxilux jipprova li jwettaq dan l-obbligu li għandu taħt il-liġi.

*<u>Ir-responsabbilita' ta' Giorġia Spiteri</u>*

Jirrisulta li din il-persuna, li qatt ma kienet parti għal dawn il-proċeduri diġa' issaldat mal-Attur kull pretensjoni li għandu (ara nota tal-Attur a' fol 541). B'dana kollu, sabiex il-Qorti tikkonstata il-parteċipazzjoni tagħha fl-inċident u jekk kienitx responsabbli għaliħ kif fil-fatt jeċepixxi l-konvenut, xorta waħda trid tgħarbel għemilha.

Huwa minnu li l-imsemmija Giorġia Spiteri kienet fid-dritta tagħha meta sabet ma' wiccha l-vettura tal-konvenut stazzjonata fil-karreġġjata tagħha. Imma b'dana kollu ma jfissirx li anke f'ċirkostanzi bħal dawn, ma kelliex ukoll l-obbligi tagħha taħt il-liġi, partikularment l-obbligu tal-*proper look out.*

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Middle Sea Insurance plc noe -vs- Jason Scerri, deċiża fis-7 ta' Diċembru 2000** ingħad illi *"s-sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm a proper look out imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Apparti minn speed, kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist … … Tali xufier ikun fil-grad li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament*". ( Ara **ukoll Sentenza tal-10 t'April, 2001 fl-ismijiet Dott Remigio Zammit Pace noe -vs- Thomas Catania**).

Huwa minnu, li l-inċident seħħ fejn kien hemm dlam ċappa. Fil-fatt fir-rapport tal-Pulizija jingħad "*Fuq il-post ingieb id-dawl mill-garaxx peress li l-post fejn sar l-incident huwa mudlam hafna*". Dan jikkonfermah l-espert. Dan il-fatt ma hux Kontestat. L-Attur, fir-rapport tal-Pulizija qal *"…innutajt Van ipparkjat bla dawl…"* (a' fol 434). Dan jikkonfermah fl-inkjesta (455). Pero' l-Attur jgħid li l-karozza l-oħra kienet ukoll mingħajr dawl. Għalkemm irid jingħad, li l-konvenut jixhed li "…I saw headlamps coming from the rear mirror and then we turned 360%". Dan tikkonfermah ukoll mart il-Konvenut (a' fol 453).

Gie ukoll stabbilit li "*It-Triq kienet xotta waqt li t-temp kien tajjeb. Il-vizibilita' kienet ukoll tajba*". (a' fol 450). Huwa partikolarment importanti dak li tgħid Georġia Spiteri u ċioe' "*Jiena kont tiela' lejn in-Naxxar <u>u ma nafx ma x'hiex hbat</u>.*

*Niftakar li fuq il-post kien hemm dlam cappa*" (452)Tgħid li kienet qed issuq b'veloċita' moderata (a' fol 454) Qalet ukoll li "mal-ħabta ma kontx taf x'ġara għax ma rajt xejn u lil ħadd". (ibid). Fil-Kawża għażlet li ma twieġeb għall-ebda mistoqsija biex ma tinkriminax lilha nnifsha (Emfażi tal-Qorti a' fol 513-514).

Dwar il-veloċita', din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-veloċita' mhux biss ma kienitx moderata, iżda li l-impatt u l-ħsarat huma indikattivi ta' veloċita' eċċessiva. Dan jirrisulta kemm mill-entita' tal-ħsarat sofferti fil-vettura u anke mill-mekkanika tal-inċident di piu, l-akkwata kienet mudlama u dan il-fattur ma serva ta' xejn biex l-imsemmija tikkontrolla l-veloċita' tagħha.

Dwar kif seħħ l-inċident Mart il-konvenut tgħid li "*She dashed into the rear of our car with high velocity*" (a' fol 458). L-espert tal-Qorti ddikjara l-vettura TFI 694, iġifieri dik ta' Georgia Spiteri "*beyond economical repair*". Anke l-vetturi l-oħra ġew dikjarati hekk (a' fol 459 u 460). Anke x-xorta ta' ġrieħi subiti mill-Attur, dawn huma gravi tant li l-Attur tilef kull kapaċita' tax-xogħol u li llum qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita' (a fol 530 sa 531).

Intant id-daqqa tant kienet b'saħħitha li l-vettura s-Sużuki daret 180 grad (463). Il-vettura tal-imsemmija Geoġia Spiteri spiċċat in-naħa l-oħra tat-triq u qasmet il-mutur tal-Attur fi tnejn. Dan kollu huwa indikazzjoni li l-veloċita' li kienet għaddejja biha Georġia Spiteri kienet altru minn moderata. Biżżejjed li wieħed iħares lejn ir-ritratti tal-ħsara mġarrba mill-vetturi involuti biex jifhem kemm ma kien hemm xejn moderat fil-veloċita' li kienet ġejja biha l-imsemmija Georġia Spiteri (a' fol 107 sa 119 tal-proċess kriminali li ġie allegat ma' dawn il-proċeduri).

Din il-persuna saħansitra tiddikjara li ma tafx ma x'hiex ħabtet u li ma rat lil ħadd u xejn. Veru li kien hemm id-dlam, iżda ċirkostanzi ambjentali kienu tali li ma ħolqulha ebda diffikultajiet biex tibqa' fil-kontrol tal-vettura. La darba kellha d-dwal mixgħulin, u agħar li kieku ma kienux, ma kienx impossibbli għaliha li tilmaħ l-ostaklu. Li ma kienx għall-fatt li ma kienitx moħħha hemm u għaddejja b'veloċita' eċċessiva u minflok saqet b'għaqal u kawtela, l-inċident inkwistjoni seta' jkun evitat. Kif drabi oħra ntqal minn dawn il-Qrati, "*l-ispeed eccessiv jinnewtralizza dak il-'margin of safety' tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala"* (**Kollez. Vol. XLVI P IV p 883**).

Fil-kontinġenzi li kienet tinsab fihom Georġia Spiteri, u mir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' l-inċident, kombaċjat mal-fatti l-oħra kollha li jemerġu mill-proċess, din il-Qorti ftit għandha dubji li veloċita eċċessiva kien hemm. Il-fatti kollha huma konfaċjenti ma' veloċita` żejda. Kif intqal f'kawża oħra simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti:

"*Il-fatt li sewwieq jitlef il-kontroll tal-karozza li jkun qieghed isuq u jispicca n-naha l-ohra tat-triq jikkostitwixxi prova indizjarja ta' sewqan hazin, ghaliex sewwieq huwa mistenni li f'kull waqt ikollu l-karozza taht il-kontroll tieghu.*

*Dan jilhaq il-qofol tieghu meta t-telfien tal-kontroll jirrizulta filli s-sewwieq jispicca fin-naha l-hazina tat-triq u jahbat ma' karozza li tkun gejja mid-direzzjoni opposta. Illi huwa maghruf li hija regola generali fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilta' f'habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri (a) li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet*

*atmosferici), u (b) li jzomm attenzjoni (proper look-out) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih. Anki jekk ikun hemm ostakolu f'nofs ta' triq (plastic cones f'dan il-kaz)is-sewwieq mhux skagjonat mir-responsabilta` ghal nuqqas li jzomm a proper lookout"* ( Ara **Sentenza tad-29 ta' Jannar, 2004 Untours Insurance Agency għall-Qatar Insurance Company -vs- Etienne Saliba.**).

*Responsabbilita finali*

Għalhekk, wara li din il-Qorti qieset u ħasbet fuq il-fatti li għandha quddiemha waslet għall-konklużjoni, li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri jaħtu għaliħ kemm il-konvenut u kif ukoll l-imsemmija Georġia Spiteri. Dawn huma responsabbli fil-grad u proporzjon ta' ħamsin fil-mija (50%) kull wieħed.

*Danni*

Jibda biex jingħad, li f'każ ta' risarċiment ta' danni, bħal dak li qed jitlob l-Attur, il-prinċipju bażiku jibqa' dejjem dak li dan jitqiegħed fil-posizzjoni li kien qabel l-inċident. Fi ftit kliem huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum. (Ara **Sentenza tal-Prim'Awla per Imħallef Lino Farruġia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Ltd**). Ovvjament irid ukoll jittieħed kont tal-kontributorjeta' da parti tal-Attur jekk dejjem ikun il-każ.

Artikolu 1045 (1) tal-kodiċi Ċivili, jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħaddieħor. Id-danni jikkonsistu fit-telf effettiv (*damnum emergens*) u t-telf ta' qligħ li tbati 'l-quddiem minħabba inkapaċità (*lucrun cessans*).

*Damnum emergens*

Dwar it-telf effettiv li sofra l-Attur ma hemm xejn provi ħlief għar-riċevuti esebiti ( a' fol 471 sa 497 u a' fol 525). B'kollox dawn jammontaw għal sitt mija sebgħa u sebgħin punt dsagħtax tal-ewro (€677.19). Ma nġiebet ebda prova ta' xi telf effettiv ieħor.

*Lucrum cessans*

F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "*partial wreck cases*", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan is-sens din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja il-perċentwal ta' diżabilita permanenti li minkejja kollox ma tipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol. F'din l-aħħar sitwazzjoni l-Qorti, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, għandha tagħti ukoll somma oħra li għandha tkun imhollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu.

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

<u>*Multiplier*</u>

Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru, l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq.

Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna, li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*Hawnhekk għandna fattur*

*pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni"*.

Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** kienet qalet hekk:

"*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat*."

<u>Il-*lump sum payment*</u>

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-*lump sum payment*. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza**

**fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**).Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs -Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Aġius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3-Ott-2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001 u 0% fil-kawżi Turner -vs- Agius App Ċiv Sup 28- Nov-2003, Bonnici -vs- Gauci PA 15-Sett-1999** meta għaddew 15-il sena, **f'Zammit -vs- Zahra PA 20- Jan-2005** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri -vs- Caruana Kum 20-April 1990** meta għaddew 19-il sena).

*Likwidazzjoni tal-lucrum cessans*

Il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-likwidazzjoni ta' telf futuri abbażi tal-prinċipji fuq elenkati.

Ma nġiebet ebda prova ta' pay slips, dokumenti ta' taxxa jew dokumenti oħra dwar l-entrojtu tal-Attur. Nafu biss li qabel l-inċident kien jaħdem bħala receptionist u li kien sportiv ħafna (Ara affidavit tal-Attur a' fol 42).

F'sitwazzjoni bħal din ma jfissirx li l-Qorti għandha tiskarta għal kollox l-għotja ta' somma ta' telf ta' qliegħ futur. Jekk tagħmel hekk, tkun qed twettaq inġustizzja għaliex ma għandu jkun hemm ebda dubbju ta x'danni sofra l-Attur. In-nuqqas ta' prova kwantum tal-qliegħ, ma jipreklудiex lil din il-Qorti milli tillikwida d-danni, basta l-kriterju użat ikun wieħed raġjonevoli għaliex wara kollox kien jispetta lill-Attur jippreċiża x'kien l-entrojtu tiegħu.

Għalhekk il-Qorti hija tal-fhema li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Ara **Sentenza fl-ismijiet Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**). Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa.

F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati**, ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*".

Issa kif diġa aċċennat aktar 'l fuq. l-unika prova li għandha hija dik li qabel l-inċident kien jaħdem bħala receptionist. Għalhekk, ikun ġust li d-danni jiġu kalkolati fuq salarju tal-paga minima prevalenti fl-2015 u ċioe' meta seħħ l-

inċident. Skont indiċi tal-bank Ċentrali, fl-2015 din kienet ta' sebgħa mija u għoxrin ewro (€720) fix-xahar.

*Kalkoli*

Meta weġġa', L-Attur kellu 45 sena. Dan ifisser li sal-eta' pensjonabbli ta' 65, kien fadallu 20 sena. Il-kawża saret fl-4 ta' Frar 2020 u qed tiġi deċiża fl-14 ta' Marzu 2023, iġifieri tlett snin wara. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-lump sum payment għandu jkun ta' 18%.

Kif diġa' ingħad aktar 'l fuq, il-Qorti temmen li ħtija għal l-inċident kienet, kemm tal-imsemmija Georġia Spiteri u anke tal-konvenut. Kif ukoll diġa' rilevat Georġia Spiteri diġa' ssaldat bi ħlas ta' somma. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tħoss li Georġia Spiteri u l-konvenut għandhom kull wieħed iwieġbu fil-grad u proporzjon ta' ħamsin fil-mija (50%) kull wieħed u waħda.

Kwantu għall-perċentwal ta' diżabilita' permanenti, ir-rapport mediku ex parte ta' Mr.Thomas Azzopardi jagħti 18% diżabilita permanenti (a' fol 10 u 469) mentri l-espert tal-Qorti, Dr. Fredrick Zammit Maemple, jagħti 11% (a' fol 520). Pero' minn naħa l-oħra, din il-Qorti ma tistax tinjora li mart l-attur tgħid li ħajjithom inbiddlet kemm finanzjarjament u anke emozjonalment (fol 55). Di piu' "*wara Hames snin, Xuereb mhux mistenni li jirpilja*" (a' fol 520 Rapp Fredrick Spiteri Maemple) u li sal-15 ta' Awwissu 2020 kien għadu inkapaċi għax-xogħol (a' fol 526). Ma hux f'posizzjoni li jkollu xi xorta ta' impieg. (a' fol 528).

Għalhekk il-Qorti tħoss li jkun ġust li r-rata ta' diżabilita' tkun ta' 15%. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus*

*quo ante*. Jekk l-attur kien jipprattika sport, kif fil-fatt kien jagħmel, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu il-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa l-anqas wieħed ma jista' jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' *Heil -vs- Rankin* fejn intqal hekk : "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and <u>the consequences they will have</u>…"* ( Emfażi tal-Qorti. Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler-vs-Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident fil-ħajja ta' dak li jkun. Dan ser ikun fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000).

Għalhekk 720€ (paga minima fl-2015) x 12 (xhur fis-sena) = 8640 x 20 (multiplier ta' snin sal-eta' pensjonabbli) = 272,800€ x 18% (lump sum) = 49,104€. 15% (perċentwalita' ta' diżabilita') ta' dan l-ammont jiġi għal 7,365€. 50% ta' dan l-ammont (grad ta' responsabbilita' tal-konvenut) jammonta 3,682€. Ma dan l-ammont irid jiżdied nofs l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) fuq imsemmija (integrita' tal-persuna) li jammontaw għal elf u ħames mitt ewro

(€1,500) li jġibu għalhekk ħamest elef mija u tnejn u tmenin (€5,182). Ma' dan l-ammont iridu ukoll jiżdiedu nofs l-ammont ta' telf effettiv ċioe' tlett mija u tmienja u tletin punt ħamsin tal-ewro (€338.50) li allura jġibu s-somma totali ta' ħamest elef ħames mija u għoxrin punt ħamsin tal-ewro (€5,520.50).

Dan huwa l-ammont dovut, b'dana li din il-Qorti temmen, li għandha wkoll tieħu kont li flejjes li ser jingħataw llum huwa soġġetti huwa għall-erosjoni fil-valur minħabba l-inflazzjoni. Għalhekk, din il-Qorti tħoss li għandha żżid dan l-ammont b'sitta fil-mija (6%) biex tagħmel tajjeb għal din l-erosjoni fuq medda ta' 20 sena. Dan ifisser, li l-ammont totali dovut huwa dak ta' ħamest elef tmien mija u wieħed u ħamsin punt tlieta u sebgħin tal-ewro (€5,851.73).

Kwantu għas-Soċjeta' Konvenuta, l-Qorti hija tal-fhema li din ma hiex il-leġittima kontraditriċi f'din il-Kawża, għax kull ma hi Soċjeta' assiguratriċi taħt il-liġi. Għalkemm huwa minnu li skont liġi speċjali (ara artikolu 10 Kap 104 tal-liġijiet ta Malta ), ser ikollha tagħmel tajjeb għad-danni likwidati minn din il-Qorti, ma jfissirx b'daqshekk li kellha postha fil-ġudizzju ta' din il-Kawża, għaliex wara kollox ma kienitx hi li kkawżat l-inċident. L-aktar l-aktar, għandha interess fl-esitu tal-kawża ġaladarba li kif ingħad, xorta ser ikollha tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni. Għalhekk ser tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tillibera** lis-Soċjeta' konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara lill-konvenut Daniel Alexander Shaw Savill biss u fil-grad u proporzjon ta' ħamsin fil-mija (50%), responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-11 ta' Settembru 2015 fi Triq is-Salini Naxxar u li fiħ weġġa' gravament l-Attur.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' ħamest elef tmien mija u wieħed u ħamsin punt tlieta u sebgħin tal-ewro (€5,851.73).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut Daniel Alexander Shaw Savill iħallas l-ammont hekk likwidat lill-attur bl-imgħaxijiet legali minn din s-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-Kawża kollha a' karigu tal-Konvenut Daniel Alexander Shaw Savill.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**